# F'San Ġorġ Niftakru F'Min Iġib Ismu!

Fil-parroċċa tagħna dedikata lil San Ġorġ kulħadd jistenna li eluf ta' Qormin iġibu l-isem tal-Patrun Tagħna. U hekk xieraq. Biss minn tant eluf kbar li kellhom dan l-isem sa żmienna tnejn fost oħrajn jiġuna f'moħħna mal-ewwel: Dun Ġorġ Fenech u Dr. Ġorġ Żammit ta' l-ewwel twieled fl-1902 u l-ieħor fl-1908 u b'kumbinazzjoni t-tnejn f'Marzu bħali Dun Ġorġ u l-Poeta fis-16. Billi ħajjithom tixxiebaħ fettilli li nsemmi lil ta' l-ewwel u nuri xi ħaġa dwar tat-tieni.



Fenech, bin buttar, u mogħni b'intelliġenza mhux komuni influwenza ħafna liż-żgħażagħ li ġew warajh, għax uriehom li kull min jistudja jista' jasal fejn irid għalkemm ikun ġej minn familja umli ħafna. Mela mhux minnu dak li qed jingħad illum li qabel it-tfal tal-puliti u tal-professjonisti li setgħu jitgħallmu. L-istatistika u l-fatturi juru kultant il-maqlub. Tgħallmu u mxew 'il quddiem ulied il-familji għaqlin li għamlu sagrifiċċju b'risq il-futur ta' wliedhom... u żewġ eżempji ċari għalina l-Qormin huma Ġorġ Fenech u Ġorġ Żammit!

Ta' l-ewwel minn Ħal Qormi mar Bormla u daħal l-Iskola tat-Tarzna, l-għażla ta' wlied il-ħaddiema, li ma kellhomx fehma li jmorru l-Università. Żammit mar il-Liċeo u fl-1922 daħal l-Università. Fenech wara l-Iskola tat-Tarzna għamel l-eżamijiet tas-**City & Guilds** u sar Inġinier, waqt li Żammit ħa l-B.A. fl-1930 u mar Ruma jistudja għal Qassis u fl-1932 ħa l-B.D. mill-Gregoriana..imma waqaf u studja l-Liġi għal xi żmien huwa wkoll.

Fenech fl-1927 daħal Assistent "Junior Engineer" fil-Magna tad-Dawl u hemm għamel karriera brillanti sakemm laħaq Kap tat-Taqsima ta' l-Elettriku fid-Dipartiment ta' l-Ilma u d-Dawl mnejn spiċċa bil-pensjoni fl-1962.

Żammit malli ġie minn Ruma ħatruh surmast tal-Liċeo mnejn irriżenja biex ikompli jistudja l-Liġi u sar avukat.

Jekk il-bidu ta' dawn iż-żewġ Qormin distinti jixxieba fil-bidu, jinqaleb f'nofs ħajjithom. Fenech l-Inġinier isir qassis u Żammit l-aspirant qassis isir poeta-qassis-avukat, li għamel wisq ġid f'kull qasam li miss b'idejh.

Biss ikollna ngħidu li t-tnejn jgħamlu ġieħ lil San Ġorġ li jġibu ismu u lill-Belt Pinto. Fenech bħala l-ewwel student malti li resaq għall-Matrikola ta' Londra u wara minn din l-istess Università kien ukoll l-ewwel wieħed li ħa l-B.Sc. fl-Inġinerija. Laħaq Professur tal-Matematika (Ad interim) u Lettur tas-suġġetti ta' l-Elettriku fil-Kors tal-Inġinieri l-Università u kif ġà għadna, wara sar qassis. Studja fil-Kulleġġ Beda bejn 1962 –

1966. Għalhekk min jieħu ħsieb il-fuljett xtaqni nikteb xi ħaġa dwar fuq Dun Ġorġ Fenech.

Minn jeddi xtaqt li ma' Dun Ġorġ Fenech indaħħal lil Dr. Ġorġ Żammit li wkoll faħħar lil Ħal Qormi b'egħmilu u għalhekk aħna wkoll niftaħru bih. Poeta, fl-Ingliż, it-Taljan u l-Malti, drammaturgu u rumanzier, għalliem, kittieb ta' l-iskeċis "Wenzu u Rożi" li tawh fama u konsultur Legali tas-semmiegħa tax-Xandir għal bosta snin. Il-ħajja tiegħu kulturali hi varjata u tagħmel ġieħ lilu u lil pajjiżna.

Jekk aħna mkabbrin b'Żammit, nifirħu wkoll li Alla ried li Fenech twieled pajjiżna fejn baqa' dejjem igħix, barra mill-perjodu qasir, li għamel Bormla u Ruma jistudja. Bħala matematiku mill-aħjar qatta' ħajtu jsolvi l-problemi elettriċi ta' pajjiżna, u jsewwi għas-Sanità ħafna apparati li jiswew l-eluf waqt li kien maħsub li ma jissewwewx.

Fenech kien ukoll nisrani li minn żgħożitu kien ta' xempju għal kulħadd; ngħidu aħna qatt ma jfalli l-funzjonijiet liturġiċi fil-Kon-Katidral ta' S. Ġwann, Membru ta' l-Azzjoni Kattolika, u wieħed minn ta' l-ewwel fl-Għaqda Biblika. B'dal-ħidmiet kollha ma naqasx li jieħu sehem fil-ħajja Kulturali Maltija u għalhekk kien bniedem kompit f' kollox...u dit-tħejjija kollha swietlu biex fetħitlu t-triq nobbli tas-Saċerdozju!

Qassis, ħadem kemm seta' u sakemm felaħ bla ma qatt ma warrab l-istudju reliġjuż, xjentifiku u kulturali...u forsi minn dawn it-tnejn ta' l-aħħar tnisslet l-idea li jagħmel dawk l-arloġġi tax-xemx li tawh fama Malta u fl-Ewropa.




Intenni li Dun Ġorġ Fenech għamel unur wisq kbir lil Ħal Qormi fejn twieled u bħalu tana ġieħ l-Avukat Ġorġ Żammit letterat mill-aħjar f'ilsienna, fl-Ingliż u fit-Taljan, imfaħħar minn rivisti barranin!



Nieħdu din l-okkażjoni li ngħidu grazzi lilhom u lil San Ġorġ li għaraf iħarishom fil-ħajja tagħhom u lill-Mulej talli għanihom b'intelliġenza mhux komuni li biha għamlu ħafna ġid fost il-poplu t'Alla.

**Ġużè Cardona**